

Brussell, 11 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13541/1/20
REV 1

INST 289
CMPT 8

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Repubblika tal-Polonja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjoni tal-15 ta' Diċembru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/640¹, is-Sur Janusz WOJCIECHOWSKI n̄ħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mis-7 ta' Mejju 2016 sas-6 ta' Mejju 2022.
- (2) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Novembru 2019, is-Sur Janusz WOJCIECHOWSKI ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri b'effett mit-30 ta' Novembru 2019.
- (3) Minħabba r-riżenja tas-Sur Janusz WOJCIECHOWSKI, huwa neċessarju li jin̄ħatar membru ġdid għall-bqija tal-mandat tiegħu.
- (4) Ir-Repubblika tal-Polonja pproponiet il-ħatra tas-Sur Marek OPIOŁA bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2021 sas-6 ta' Mejju 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/640 tal-21 ta' April 2016 li taħtar ħames membri tal-Qorti tal-Awdituri (ĠU L 108, 23.4.2016, p. 32).

Artikolu 1

Is-Sur Marek OPIOLA huwa b'dan maħtur membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2021 sas-6 ta' Mejju 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
